MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2007

Talba Numru. 1261/2004

**Brands International Limited gia' Mercieca & Co Limited**

**vs**

**Melita Furniture Co Limited**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' mija erbgha u ghoxrin Lira Maltin u tmintax-il centezmu (LM124.18) rapprezentanti prezz ta' merkanzija lilha mibjugha u kkunsinjata u baqghet ma thallsitx.

B-Ispejjes inkluzi dawk tal-ittra interpellatorja datata 4 ta' Marzu, 2004 u l- imghaxijiet kummercjali sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenuta socjeta' ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li s-socjeta' l-konvenuta baqghet ma pprezentatx Risposta ghalkemm debitament notifikata u l-anqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal;

Ra l-Kapitolu li gie pprezentata mill-Avukat Dr Joseph Zammit fis-7 ta' Marzu, 2007 u l-fatt li s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr;

Fic-cirkostanzi, it-Tribunal jiddeċiedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjeż u l-interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------